MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 247/2004

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ruben Saliba, sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Ruben Saliba**

**vs**

**Ives Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-atturi s-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u sebghin Lira Maltin, (LM1,678.00,0), jew ammont iehor verjuri li jigi lokwidat minn dina l-Onorabbli Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti

nominandi, minn liema somma hija dovuta s-somma ta’ elf sitt mija u tlieta u hamsin Lira Maltin, (LM1,653.00,0), favur is-socjeta’ attrici Citadel Insurance p.l.c., rapprezentanti danni soferti mill-attur Ruben Saliba, u li ghalhom ghamlet tajjeb l-istess socjeta’ attrici, in segwitu l-incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta’ Awissu tas-sena 2003 fi Triq Sant’Antnin, Marsascala, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni NIC – 494, u Sandra Saliba kinet qed issuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KAC – 408, propjeta’ tal-imsemmi Ruben Saliba, ghall-liema incident jahti unikament il-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, u l-bilanc favur l-attur Ruben Saliba, rapprezentanti *policy excess* imhallsa minnu;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-12 ta’ Novembru tas-sena 2003 kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ tal-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax legali sal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jidher in subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-2 ta’ Gunju tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti;

Illi huwa ma jahtix ghall-incident in kwistjoni billi kienet il-karozza l-ohra li invadiet il-karreggjata tieghu waqt li kienet qed tissorpassa xarabank wieqfa;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-konvenut datata l-15 ta’ Gunju tas-sena 2005 li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li takkolji t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara lill-konvenut Ives Sciberras responsabbli ghad-danni minnu kkagunati bhala konsegwenza ta’ l-incident awtomobilistikuli sehh fis-26 t’Awissu tas-sena 2003 fi Triq Sant’Antnin, Marsascala, indikat fl-istess avviz promotur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ elf, sitt mija u tmienja u sebghin Lira Maltin, (LM1,678.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Ives Sciberras biex ihallas l-ammont hekk likwidat ta’ elf, sitt mija u tmienja u sebghin Lira Maltin, (Lm1,678.00,0), lill-atturi Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fi-drittijiet ta’ l-assiskurat taghha Ruben Saliba u l-istess Ruben Saliba, bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti skond il-ligi mid-data ta’ l-ittra ufficcjali tat-12 ta’ Novembru tas-sena 2003.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------